Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1567/1996/1

**Eden Leisure Group Ltd gia qabel maghrufa bhala Eden Hotels Limited**

**vs**

**Salvino Borg D'Anastasi**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

B’citazzjoni tat-13 ta’ Mejju, 1996 s-socjeta` attrici ppremettiet li l-konvenut kien impjegat taghha; illi l-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fl-24 ta’ Ottubru, 1984 taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 28(2) ta’ l-Att XXX tal-1976 baghat il-kaz dwar it-tkeccija mill-Impjieg ta’ l-konvenut allegata li hija ngusta quddiem it-Tribunal Industrijali; illi b’decizjoni tat-13 ta’ Marzu, 1986 dak it-Tribunal sab favur l-appellat u qies li t-tkeccija tal-konvenut kienet wahda gusta; illi sussegwentement b’sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Marzu, 1993 fl-ismijiet “Salvino Borg D’Anastasi vs Ian Decesare et noe” kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-13 ta’ Gunju, 1995 gie deciz illi l-lodo tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmi jigi annullat, billi kien jivvjola l-inciz (21) tal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 135 li kien jirrikjedi l-kunsens bil-miktub tad-direttur tax-xoghol qabel principal ikun jista’ jkecci impjegat b’mod validu skond il-ligi; illi sussegwentement ghal din id-decizjoni il-proceduri komplew quddiem it-Tribunal Industrijali u bl-lodo tad-19 ta’ Jannar, 1996 l-istess Tribunal iddecida illi l-konvenut tkecca ghal raguni mhux gusta kif jirrizulta anke mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tat-13 ta’ Gunju, 1995, u bl-lodo sussegwenti tad-19 ta’ April, 1996 llikwida dak l-ammont fis-somma ta’ disat elef tmien mija u sebgha u disghin lira Maltija u tnejn u sittin centezimu; illi dawn l-ahhar decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali kienu erronei fil-ligi u l-istess Tribunal jiddifetta minn gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni tal-kaz; illi n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal tirrizulta evidenti u manifesta meta skond l-att dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg kif applikabbli fil-mumenti rilevanti tal-kaz meta persuna titkecca minghajr il-kunsens bil-miktub tad-direttur tax-Xoghol dik it-tkeccija titqies daqs li kieku l-kuntratt tal-impieg ma jkunx gie mitmum u l-impjegat izomm kull dritt taht dak il-kuntratt (Kap 135 Artikolu 34(21)); illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda kaz tat-tkeccija ingusta x’jigi deciz mit-Tribunal Industrijali; illi t-tribunal naqas li jiehu in konsiderazzjoni fatti rilevanti fid-decizjoni tieghu dwar il-kaz u rabat kollox fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell meta huwa kellu japplika l-gudizzju indipendenti tieghu; talbet li l-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li t-Tribunal Industrijali ma kellux gurisdizzjoni jiehu konjizzjoni tal-kaz fuq imsemmi u dan billi ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar tkeccija ingusta billi skond il-ligi applikabbli l-konvenut kellu jitqies li kien ghadu impjegat tas-socjeta` attrici;

2. tiddikjara wkoll affetta minn zball fil-ligi d-decizjoni tat-tribunal industrijali tad-19 ta' Jannar, 1996 hawn fuq imsemmija billi ma ddeciditx l-istess skond id-decizjoni indipendenti taghha;

3. konsegwentement in vista tar-ragunijiet premessi, tiddikjara nulla u bla effett l-imsemmija decizjonijiet tat-tribunal industrijali tal-19 ta' Jannar, 1996 u 19 ta' April, 1996.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

B'nota tat-28 ta' Mejju, 1996 l-konvenut eccepixxa:-
1. Illi l-karenza ta' gurisdizzjoni "rationae materiae" jekk mhux sollevata fil-procedura, titqies rinunzjata (ara proviso tal-Art. 774 Kod. Proc. Civ.). Fil-kaz odjern din l-allegata karenza ta' gurisdizzjoni qedgha tigi sollevata wara tlettax-il sena, u wara l-konkluzzjoni tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u quddiem il-Qorti Civili;

2. Illi, bla prgudizzju ghas-suespost, it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni biex jiddetermina kull kaz ta' tkeccija allegatament ingusta, fosthom dik tal-esponent;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali ghall-"zball fil-ligi" jew ghaliex it-Tribunal "naqas li jiehu in konsiderazzjoni fatti rilevanti" (Ara App. "Dr. Vincent Falzon noe vs Isabella Grima", 17 ta' Mejju 1993).
4. Illi bla pregudizzju mhux minnu li l-lodo tat-Tribunal Industrijali huwa effett minn xi "zball ta' Ligi" jew li dak it-Tribunal "naqas li jiehu in konsiderazzjoni fatti rilevanti".

**Is-sentenza appellata.**

Fl-24 ta’ Marzu, 1997 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi fil-parti konkluzziva qalet espressament li “*tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet ta’ l-atturi; bl-ispejjes kontra taghhom*” u b’dan il-mod ma kellhiex ghalfejn tinvestiga u tiddecidi r-raba’ eccezzjoni u cioe` dik koncernanti n-nuqqasijiet attribwiti lit-Tribunal Industrijali. Fil-verita`, pero`, dik is-sentenza laqghet ukoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut appellat billi, fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni ddikjarat li l-kwistjoni tal-karenza ta’ gurisdizzjoni kienet rinunzjata u b’hekk it-Tribunal Industrijali “*kellu gurisdizzjoni li jiehu konjizzjoni tal-kaz in ezami u konsegwentement* l-ewwel (talba) *ta’ l-atturi qed tigi michuda.”* u konsegwentement iddisponiet mit-tieni eccezzjoni billi kkonfermat dak li kien qed isostni l-konvenut u cioe` li t-Tribunal Industrijali “*ghandu gurisdizzjoni biex jiddetermina kull kaz ta’ tkeccija allegatament ingusta.*”

**L-aggravji ta’ l-appellant.**

Fir-rikors ta’ l-appell taghha s-socjeta` attrici resqet is-segwenti aggravji:-

1. In-nullita` tas-sentenza billi l-ewwel qorti ma ddekretatx rikors pprezentat minnha sabiex tinghata estensjoni ghal presentata ta’ nota ta’ osservazzjonijiet.

2. In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali li jezamina l-kwistjoni ta’ tkeccija mill-impieg tal-konvenut.

3. In-nullita` tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali billi dan naqas milli jezamina l-kaz “de novo” u ghamel zball fil-ligi.

Il-konvenut appellat rrisponda ghall-appell interpost mis-socjeta` attrici u, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ssottometta li s-sentenza kienet gusta u li timmerita konferma.

**Is-sentenza ta’ din il-Qorti.**

**1) Nullita` tas-sentenza appellata.**

Dwar l-ewwel aggravju hemm ftit li xejn xi tghid. L-appellant qed jghid li huwa kien ippresenta rikors biex il-Qorti testendielu t-terminu ghall-presentata tan-nota ta' osservazzjonijiet kif kien gie awtorizzat fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 1997. Jigi rilevat pero` li fl-atti ta' din il-kawza ma jinstab ebda rikors tas-socjeta` attrici li allegatament gie prezentat fit-22 ta' Frar, 1997 u, anke li kieku tali rikors effettivament kien gie intavolat, dan kien bla ebda effett stante li gie presentat tardivament u cioe` wara gheluq id-data ta' meta kellha tkun ipprezentata n-nota tal-osservazzjonijiet. L-ewwel qorti ghalhekk, kellha kull dritt li tinjora tali rikors u tghaddi ghas-sentenza skond ma kien provdut fil-verbal tat-30 ta' Jannar, 1997. Ghal kull buon fini jigi rilevat ukoll li s-socjeta` appellanti kienet gja naqset tipprezenta in-nota ta' osservazzjonijiet taghha. Infatti fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 1996 il-kawza kienet giet differita ghas-seduta tat-30 ta' Jannar, 1997 proprju "*biex il-Profs Refalo jaghmel nota ta' osservazzjonijiet fuq il-punti relevati fil-verbal tal-25 ta' Novembru 1996.*" Izda din in-nota ma gietx presentata sad-data imsemmija u ghalhekk l-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta`, ghal darb' ohra, li tigi presentata l-imsemmija nota f'terminu stabbilit. Is-socjeta` appallanti izda reget naqset. Dan l-aggravju ghalhekk hu kompletament infondat.

**2) Nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.**

Is-socjeta` appellanti hasset ruhha aggravata billi l-ewwel qorti cahdet l-ewwel talba taghha, cioe illi t-Tribunal Industrijali ma kellux gurisdizzjoni li jiehu (konjizzjoni) tal-kaz in kwistjoni. Ghal din it-talba attrici l-konvenut kien eccepixxa "*illi l-karenza ta' gurisdizzjoni ratione materiae jekk mhux sollevata fil-procedura titqies rinunzjata*" u dan skond ma jipprovdi l-*proviso*tal-Art. 774 tal-Kap 12 u sussidjarament li t-Tribunal Industrijali "*ghandu gurisdizzjoni biex jiddetermina kull kaz ta' tkeccija allegatament ingusta.".* Il-Prim' Awla kienet laqghet dawn l-eccezzjonijiet tal-konvenut u b'hekk iddikjarat li l-kwistjoni tal-karenza ta' gurisdizzjoni kienet rinunzjata u konsegwentement li t-Tribunal Industrijali kellu gurisdizzjoni li jiehu konjizzjoni tal-kaz in ezami billi osservat li:

"*Fil-kaz odjern din l-allegata karenza ta' gurisdizzjoni qeghda tigi sollevata wara tlettax il-sena wara l-konkluzzjoni tal-proceduri quddiem it-tribunal u quddiem il-Qorti Civili.*

*"Gie diversi drabi deciz mill-Qrati taghna li l-eccezzjoni tal-inkompetenza trid tinghata in limine litis u li jekk parti ma taghtiex dina l-eccezzjoni fl-istadju li suppost tinghata, hi tigi li rrinunzjat ghaliha."*

In sostenn ta' din ir-regola, l-ewwel qorti ghamlet referenza ghal xi gurisprudenza nostrana li proprju tirribadixxi l-htiega li din l-eccezzjoni tinghata in limine litis jew inkella tkun meqjusa bhala rinunzjata.

Il-konvenut appellat qed isostni li din l-eccezzjoni, skond il-proviso ghall-artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tinghata fi stadju ta' appell.

Il-kwistjonijiet li jridu jigi ezaminati in konnessjoni ma dan l-aggravju huma tnejn. U cioe` jekk l-kwistjoni ta' gurisdizzjoni setghetx titqajjem fil-proceduri soggetti ghall-appell; u, f'kaz affermattiv, jekk verament t-Tribunal kienx nieqes mill-gurisdizzjoni jew kompetenza li jiehu konjizzjoni tal-kaz li tressaq quddiemu.

**Ikkunsidrat:**

Qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti li kull awtorita` pubblika u/jew amministrattiva tidderiva l-awtorita` taghha mil-ligi, u mhux mill-kunsens tal-individwu, u huwa biss il-Parlamanet li ghandu s-setgha jbiddel il-ligi. Isegwi li ebda rinunzja tad-drittijiet jew kunsens ta' xi parti ma tista` taghti lil xi awtorita` pubblika iktar poteri minn dawk li hija legittimament tipposjedi taht il-ligi.

Mhux kkontestat li t-Tribunal Industrijali huwa vestit bil-poter esklussiv li jikkonsidera u jiddecidi "*all cases of alleged unfair dismissal*". (Art. 28 tal-Kap 266). Inoltre jirrizulta li s-socjeta` attrici appellanti kienet "*itterminat*" l-impieg tal-konvenut appellat u meta l-kaz ingieb quddiem it-Tribunal Industrijali gie deciz illi t-tkeccija ta' Salvino

Borg D'Anastasi kienet "wahda gusta" (Decizjoni nru 266 Dok A fol 6). Dik id-decizjoni giet ikkontestata bi proceduri istitwiti quddiem il-Prim Awla mill-istess Borg D'Anastasi fejn dan talab li l-*Award* jigi dikjarat bla ebda validita` fil-ligi billi biex it-Tribunal "*wasal ghal dan l-award it-Tribunal kiser provvedimenti fondamentali fl-Att XXX tal-1976, kif ukoll kiser provvedimenti ohra tal-att li jirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg".* Bis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1993 it-talba attrici giet milqugha u l-"award" iddikjarat bla ebda validita` fil-ligi. Din is-sentenza sussegwentement giet kkonfermata fl-istadju ta' l-appell b'sentenza tat-13 ta' Gunju, 1995.

Il-qalba tal-kwistjoni li kienet tqanqlet quddiem il-Prim Awla kien l-import tas-subinciz 21 ta' l-artikolu 34 tal-Ligi dwar il-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap 135) li, sa l-ahhar ta' Dicembru, 1987 (billi wara dakinhar l-provvediment ma regax gie imgedded kif kien ilu hekk jigi mgedded ghal cirka erba' snin "by resolution of the House") kien jaqra hekk: "Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att ebda kuntratt ta' servizz ma ghandu jintemm mill-principal u <u>ebda impjegat ma jista' jigi mibghut jew jigi sospiz</u> .... <u>minghajr il-kunsens bil-miktub tad-Direttur".</u>

Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Marzu, 1993 il-Prim Awla rriteniet li "Id-dicitura ta' dan is-subinciz hi cara, univoka u ma thalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni. Bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fic-C.E.R.A. il-legislatur ghamel <u>divjet espress</u> ghal kull forma ta' tkeccija mill-impieg – <u>tkun xi tkun ir-raguni kemm jekk tkun bazata fuq gusta kawza jew ingusta, skond l-istess ligi, sew ghal xi raguni ohra</u> sakemm tali tkeccija ma tkunx ghaddiet mill-filtru preliminari imma essenzjali ad validitatem ta' l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol."

Jidher li l-provvedimenti tas-subinciz 21 ta' l-Artikolu 34, li wara kollox kellhom skop politiku, u kienu intizi biss biex japplikaw ghal perjodu determinat (u cioe` sakemm l-istess provvediment jibqa' jiggedded), holqu certa anomalija fl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap 266. Mil-banda l-wahda t-Tribunal jidher li kien prekluz milli jikkunsidra talba ghal "unfair dismissal" meta dik id-

“dismissal” ma tkunx awtorizzata mid-Direttur tax-Xoghol, billi kif rajna aktar-il fuq, dik id-“dismissal” hija kunsidrata illegali u l-impieg ma jkunx intemm; u fit-tieni lok, kif sewwa osserva l-istess direttur tax-Xoghol, jekk hu jippronunzja ruhu fuq “dismissal” tal-impjegat hekk imkecci mhux minhabba ‘redundancy’ jkun qed jiddecidi l-kaz hu ‘a priori’.

Is-socjeta` konvenuta f’dawk il-proceduri, illum appellanti, kellha kull interess li jigi rikonoxxut bhala validu l-award Nru. 266, u ghalhekk appellat minn dik is-sentenza u, fost argumenti ohra, ressqet bhala prova in sostenn tal-validita` tat-terminazzjoni tal-impieg – u konsegwentement il-validita` tal-lodo fuq imsemmi - ix-xhieda moghtija mill-istess Direttur tax-Xoghol li, fir-rigward tas-subinciz 21 tal-Artikolu 34 tal-Kap 135, spjega li “*fi zmien rilevanti d-dipartiment tieghu, b’direzzjoni ministerjali, kien jaghmel distinzjoni bejn tkeccija ghal raguni gusta u tkeccija minhabba ‘redundancy’. Huwa xhed*”, tkompli s-sentenza “*li fl-ewwel kaz, il-provvediment ta’ l-imsemmi sub-inciz (21) ma kienx jigi applikat, filwaqt li fil-kaz ta’ ‘redundancy’, l-istess provvediment kien jigi applikat.*” B’dana kollu l-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tat-13 ta’ Gunju, 1995 kkonfermat is-sentenza appellata in toto billi
“*m’gha(n)dha xejn utili x’izzid mar-ragunamenti li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li tikkondividihom pjenament.*"

Bil-pronunzjamenti fuq imsemmija gie stabbilit, bla ebda dubbju ta’ xejn, li l-provvedimenti tas-subinciz 21 ta’ l-Artikolu 34 fuq imsemmi kellhom l-effett li jzommu persuna fl-impieg, minkejja kull terminazzjoni ta’ dak l-impieg, da parte tal-principal, kemm-il darba dik it-terminazzjoni ma tkunx “awtorizzata” bil-miktub mid-Direttur tax-Xoghol. Ghalhekk meta l- Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li bhala konsegwenza l-istess kwistjoni tax-xoghol kienet tinsab miftuha mill-gdid u kellha tigi definita skond il-ligi mill-istess Tribunal, l-istess Tribunal, li rega gie mahtur biex jezamina l-kwistjoni, kien obbligat li jistabilixxi, fl-ewwel lok, jekk kienx kompetenti a tenur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 266 li jezamina l-

kwistjoni. Jidher li t-Tribunal fl-award numru 675 dan ma ghamlux billi ghalkemm dan l-artikolu jaghti lit-Tribunal “the exclusive jurisdiction to consider and decide all cases of alleged unfair dismissals” it-Tribunal ma hass li kellu jivvaluta s-sitwazzjoni li, wara kollox, kienet puntwalizzata fis-sentenzi tal-Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell. Infatti jekk l-ewwel award u cioe` dak numru 266, kien gie dikjarat bla validita` stante li l-impieg ta’ Borg D’Anastasi kien ghadu vigenti peress li ma kienux gew segwiti l-proceduri kontemplati fis-subinciz 21 ta’ l-artikolu 34 tal-Kap 135, kull ma kellu jaghmel c-Chairman tat-Tribunal kien li jiddikjara li, ghall-anqas sakemm l-impieg kien ghadu vigenti, huwa ma setghax jikkunsidra l-kwistjoni taht l-artikolu 28 tal-Kap 266. Sa hawn din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ghandu ragun fl-aggravju mressaq minnu.

Hemm pero` l-kwistjoni sollevata mill-kontro parti li tikkoncerna r-rinunzja ta’ l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni jekk din ma tinghatax in limine litis. Din l-eccezzjoni, kif gja rajna aktar-il fuq, giet accettata mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata. L-appellant jsostni li din l-eccezzjoni qatt ma kien messa giet accettata billi fl-ewwel lok materja ta’ gurisdizzjoni hi *ta’ ordini pubbliku* u ghalhekk kull nuqqas tal-parti li tissolleva din l-eccezzjoni ma jzidx l-poteri tat-Tribunal, li stante li huwa marbut bil-poteri moghtija lilu bil-ligi rilevanti, ghandu, di sua sponte, jqajjem l-kwistjoni huwa stess. Fit-tieni lok qed jigi sottomess li l-proviso ghall-artikolu 774 mhux relevanti ghal kaz billi dawn il-proceduri ma humiex appell mill-award tat-Tribunal Industrijali nkwantu minn tali award ma hemmx appell. Din il-Qorti taqbel ma dawn is-sottomissjonijiet u konsegwentement taghmilhom taghha.

Fl-ahharnett b’referenza ghal dak li intqal fis-sentenza appellata u cioe` li
“*din l-allegata karenza ta’ gurisdizzjoni qeghdha tigi sollevata wara tlettax-il sena wara l-konkluzzjonijiet tal-proceduri quddiem it-tribunal u quddiem il-qorti civili”*

din il-Qorti tosserva li fil-proceduri civili determinati finalment bis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Gunju, 1995, is-socjeta` appellanti qatt ma setghet tressaq l-

eccezzjoni tal-karenza ta' gurisdizzjoni billi hija dejjem kienet qed isostni, kontra dak li kien qed isostni l-istess Borg D'Anastasi, li t-tribunal effettivament kellu tali gurisdizzjoni.

**3. In-nuqqasijiet riskontrati fl-award.**

Is-socjeta` attrici appellanti hasset ruhha aggravata meta l-ewwel qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li dik il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali ghal zball fil-ligi jew ghaliex it-tribunal ikun naqas li jiehu in konsiderazzjoni fatti rilevanti.

Kif sewwa gie dikjarat minn din il-Qorti fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 1996 in re Dr. Anthony P. Farrugia vs Kummissjoni Elettorali et,
"*Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista` tissindika l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li l-principji tal-gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostiwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord...*"

Illi fil-kaz in ezami din il-qorti tirravviza zewg nuqqasijiet fil-pronunzjament tat-Tribunal Industrijali numru 675 tad-19 ta' Jannar, 1996. Fl-ewwel lok it-Tribunal, kif gja gie rilevat aktar 'l fuq, naqas li jikkonsidera u jiddecidi dwar l-kwistjoni tal-kompetenza tieghu rizultanti mill-applikazzjoni tal-provvedimenti tas-subinciz 21 ta' l-Artikolu 34 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kwistjoni kienet tirrizulta b'mod lampanti mid-decizjoni tal-Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell li ppronunzjaw ruhhom fuq l-award precedenti. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta' kompetenza u, necessarjament wara li din il-problema tigi sorvolata, t-tribunal industrijali fl-award fuq imsemmi (is-675 tan-1996) ma jidhirx li kkunsidra, kif kellu jaghmel, il-kwistjoni tat-tkeccija tal-impjegat fl-aspetti taghha kollha sabiex b'hekk ikun f'posizzjoni li jasal ghal konkluzzjoni jekk tali tkeccija kienetx ghar-raguni gusta jew le. L-istess tribunal semplicement qal li "*F'dan li stadju legali tal-proceduri*

*huwa ormai irrilevanti llum illi l-appellant seta' tkecca fuq xi raguni valida u gusta kif kien irritjena l-ewwel Tribunal. Dan kollu gie soprafatt b'dik is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Zgur li dan it-Tribunal ma jistax imur kontra dik is-sentenza, u hekk ghandu jaghmel."*

Din il-Qorti tosserva li t-tribunal kien skorret meta esprima ruhu bil-mod fuq citat inkwantu l-proceduri precedenti quddiem l-Qorti Civili ma kienux indirizzati lejn dikjarazzjoni li l-ewwel "award" kien skorret inkwantu Borg D'Anastasi kien tkecca mhux ghal raguni gusta (kontra dak li kien gie ritenut fl-ewwel award nru 266) izda pjuttost li dak l-award ma kellu ebda validita` inkwantu ma kienux gew segwiti l-provvedimenti tas-subinciz 21 ta' l-artikolu 34 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta. La l-Prim Awla u lanqas l-Qorti tal-Appell ma dahlu fil-kwistjoni jekk d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-award 266 fejn kien gie deciz li t-tkeccija ta' Borg D'Anastasi kienet "wahda gusta" kienetx gusta jew le.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` attrici u filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat, tiddikjara nulli u bla effett l-"award" numru 675 tad-19 ta' Jannar, 1996 moghti mit-Tribunal Industrijali u dana minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-istess Tribunal u billi l-"award" numru 675 kien affett minn zball fil-ligi, liema nullita' ggib ukoll in-nullita` tal-"award" numru 708 tad-19 ta' April, 1996 li huwa konsegwenzjali ghall-award numru 675 imsemmi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------